MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 9/2004

**General Workers Union**

**vs**

**Malta Shipbuilding Co.Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari;**

Rat ir-referenza li saret mill-Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali lit-Tribunal Industrijali fil14 ta' Lulju 2003 ;
Rat ir-risposta tal-Malta Shipbuilding Company Ltd a fol 14;
Rat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat 13 ta' Dicembru 2004 a fol 222 et seq tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-Appell tal- Malta Shipbuilding Company Ltd a fol 233 ;
Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dan kien kaz riferut lit-Tribunal Industrijali wara ittra mibghuta lill-Onor.Ministru ghall-Politika Socjali datata 26 ta’ Gunju 2003, li b’ittra tieghu datata 14 ta’ Lulju 2003 baghatha lic-Chairman tat-Tribunal Industrjali fejn inkariga lill-istess Tribunal jisma’ l-kas u jiddecidih.

Il-GWU kienet baghtet din l-ittra fejn talbet lit-Tribunal Industrijali jiddeciedi fuq tilwima mal-Malta Shipbuilding rigwardanti nuqqas ta’ implimentazzjoni tal- Klawzola 3.5 tal-Ftehim datat 2 ta’ Gunju 2000 iffirmat mill-partijiet. Dina t-talba giet kontestata mill-Malta Shilbuilding Co Ltd ghar-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni taghha a fol 15-16 tal-process.

It-Tribunal Industrijali kien iddecieda t-tieni eccezzjoni tal-Malta Shipbuilding Co.Ltd. b’sentenza tat 13 ta’ Settembru 2004 billi cahadha.

F’dina l-eccezzjoni l-Malta Shipbuilding kienet eccepiet li r-referenza lit-Tribunal Industrijali kienet nulla billi ma saritx ai termini ta’ l-artikolu 74 tal-Kap 452.

Dana l-artikolu jipprovvdi hekk:

**74.** (1) Meta l-passi li jkun ha l-Ministru taht l-artikolu 69 biex iwasslu ghal ftehim amikevoli ta’ tilwima ta’ xoghol ma jkunux wasslu ghal ftehim, kull wahda mill-partijiet tista’ tavza b’dan lill-Ministru bil-miktub.

(2) Meta l-partijiet kollha fi kwistjoni ta’ xoghol jiftehmu li jibaghtu l-kwistjoni quddiem it-Tribunal Industrijali, dawn jistghu jitolbu lill-Ministru bil-miktub biex jibghat it-tilwima quddiem it-Tribunal.

It-tribunal Industrijali ddecieda li fil-kas in ezami ma kienx hemm bzonn ta' conciliation  billi l-partijiet kienu fermi fuq dak li kienu qed jahsbu anke minhabba l-klima ta' dak iz-zmien.

Il-Malta Shilbuilding Co.Ltd appellat minn dina d-decizjoni billi sostniet li fil-kaz prezenti ma kien sar ebda attentat ta' ftehim quddiem il-konciljaturi mahtura ghal-finijiet tal-ligi, ghalhekk il-partijiet ma setghux unilateralment jitolbu lill-ministru sabiex jirreferi t-tilwima lit-Tribunal.  L-appellanti jirritjenu li d-dikjarazzjoni tat-Tribunal Industrijali li "f'dan il-kaz ma kienx hemm bzonn ta' conciliation" hija manifestament zbaljata, u interpretazzjoni differenti tirrendi d-disposizzjoni ta' l-artikolu 74 tal-Kap 452 superfluwa.

**Tikkunsidra**

L-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' l-appellati dwar l-inammissibilita' ta' dana l-appell. B'verbal tat 8 ta' Gunju 2007 Dr.A.Mifsud Bonnici ghall-appellati ddikjara li stante li dan hu appell minn decizjoni fil-kuntest ta' tilwima ta' xoghol, irid jigi stabbilit jekk jezistiex jew le, dritt ta' appell a termini tal-proviso 3 tal-artikolu 82 tal-Kap 452.

L-artikolu 82  jipprovvdi li:

**82.** (1) Kull sentenza jew decizjoni li tinghata mit-Tribunal tkun torbot lill-partijiet kollha, lill-haddiema rapprezentati fit-tilwima u lill-haddiema milquta minn dik is-sentenza jew decizjoni u ghandha tkun torbot lil kull successur ta' xi wahda mill-partijiet fit-tilwima ta' xoghol: Izda ebda wahda

Izda ebda wahda mill-partijiet ma tkun tista' tfittex li tiehu azzjoni unilaterali ghar-revizjoni ta' xi sentenza jew decizjoni tat-Tribunal qabel ma tghaddi ghall-anqas sena mid-data ta' dik is-sentenza jew decizjoni.

…..

(3) Fil-kazi ta’ tkeccija minghajr kawza gusta u fil-kazi li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal skond l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta’ appell fuq punt ta’ ligi.

L-artikikolu 75 tal-Kap 452 ighid li:

**75.** (1) Minkejja kull ma jinsab f’kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi -

(*a*) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u

(*b*) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta’ dan l-Att jew ta’ regolamenti preskritti tahtu,

Illi fil-kaz in ezami t-tilwima li hemm bejn il-partijiet la taqa’ taht it-Titolu 1 tal-Kap 452 u lanqas ma hija dwar tkeccija minghajr kawza gusta. Illi fil-kaz ta’ tilwim ta’ xoghol kif prevvist fl-artikolu 73 taht it-Titolu 11 tal-Kap 452 ma hemmx dritt ta’ appell stante li l-kompetenza ta’ dina l-Qorti huwa cirkoskritt bid disposizzjoni ta’ l-artikolu 82(3) li jaghti d-dritt ta’ appell fil-kazijiet fuq imsemmija taht l-artikolu 75 imma mhux taht l-artikolu 73 u taht it-Titolu 11 tal-Kap 452. (ara  wkoll sentenza  App. GWU vs Bank of Valletta plc 26/6/2008).

Illi ghalhekk l-eccezzjoni solllevata mill-appellati qeda tigi milqugha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi,
il-Qorti  tiddeciedi,
billi  tilqa’ l-eccezzjoni ta’ appellati

fis-sens li dan l-appell huwa inammissibbli peress li l-artikolu 82 (3) tal-Kap 452 ma jipprovdix ghall-appell f’dan il-kaz;
tichad l-appell interpost mill-MaltaShipbuilding Co.Ltd
Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------